MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 68/1999/1

Gelluxa Limited .

vs

J.A.R.Co. Ltd; u Joseph Vella .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-kumpannija 'Gelluxa Limited', u fil-kwalita' tieghu premessa ghandu jiehu minghand is-socjeta'konvenuta somma ta' tlett elef disa' mija tnejn u sebghin lira maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm3972.89c) oltre interessi fuq din is-somma b'effett mid-data ta' l-ahhar konsenja, u cioe' mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data ta' l-effettiv pagament ;

Illi dan l-ammont huwa dovut bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta ;

Illi f’diversi okkazjonijiet, Joseph Vella, bhala direttur tal-kumpannija J.A.R. company Limited kien accetta illi huwa ghandu jidhol garanti ghal l-ammont ghall-ammont dovut mill-kumpanija tieghu ;

Illi ghalkemm l-attur interpella lill-konvenuti diversi drabi sabiex jhallsu l-ammont dovut il-konvenuti baqghu inadempjenti .

Illi dan id-debitu hu wiehed cert likwidu u dovut u safejn jaf l-esponenti l-konvenuti ma ghandhom ebdaeccezzjoni xi jqajjem ghat-talba illi dan il-kreditu tal-kumpannija attrici jithallas.

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta’ u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizazzjoni u Procedura civili ;

2. Tikkundannak sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef disa’ mija tnejn u sebghin lira maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm3972.89c) oltre l-interessi fuq din is-somma b’effett mid-data ta’ l-ahhar konsenja, u cioe’ mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data ta’ l-effetiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali ta’ Dicembru 1998, kontra taghkom .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici, ikkonfermata bil-gurament ta’ Saviour Grech .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Vella li eccepixxa illi :

1. Illi t-talbiet kif dedotti huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi Joseph vella personalment qatt ma dahal f’ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur nomine .
2. Illi huwa wkoll ghal kollox infondati l-allegazzjoni illi Joseph vella personalment accetta illi huwa jidhol bhala garanti ghal l-ammont dovut mill-kumpanija tieghu .
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut minnu mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta’ konvenuta, f’diversi okkazjonijiet skond ma jirrizulta mill-istatement esebit mac-citazzjoni (a fol. 5 - tal-process) . Hija tippretendi illi l-konvenuti huma solidament obbligati ghal dan il-hlas, peress illi minkejja illi x-xiri sar mis-socjeta J.A.R Company Limited, il-konvenut l-iehor Joseph Vella kien qal illi jaghmel tajjeb ghall-istess hlas . Fuq din il-pretensjoni xehed Saviour Grech, direttur tas-socjeta’ attrici, li qal :

“*Dak meta gie biex naghtuh ix-xoghol fuq il-kumpanija, ghedtlu “Joey” ghidtlu “fuq il-kumpanija ma naghtikx xoghol” . Qalli “le”, qalli “serrah mohhok”, qalli, “ghax dak kien responsabbli taghhhom.”…. qalli “jien responsabbli taghhom dawk . Ghal hekk tajtu x-xoghol*” (a fol. 15) .

Il-konvenut Joseph Vella da parti tieghu rribatta din l-asserzjoni u meta gie mistoqsi mill-legali tas-socjeta’

attrici in kontro-ezami : "*Dana Sammy Grech, xi darba kellmek u inti assikurajtu li dan id-dejn ser jithallas*?", il-konvenut wiegeb : "*Dejjem ghan-nom tal-kumpanija*" . Mistoqsi ghal darb'ohra "*Imma kont tispjegalu li ghan-nom tal-kumpanija jew inkella ghidtlu : "Hemm hekk halli f'idejjja* …", Vella rega' wiegeb: "*Dejjem ghan-nom ta-kumpanija*" (a fol. 25) .

Dwar l-obbligazjonijiet ***in solidum*** il-ligi taghna fl-artikolu **1089** tal-Kap.16 tistipula illi :

"***Ma jitqiesx li hemm solidarjeta' . Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftehma espressament*** ."

Il-**Giorgi** jispjega illi : " **La solidalita' … e' un vincolo tra piu' debitori, in forza del quale essi si rappresentano reciprocamente nell'obbligo di pagare : allo scopo di rendere piu' sicuro il credito, e di agevolarne al creditore la riscossione . Per cio' ogni debitore si considera come debitore dell'intero in faccia al creditore per lo scopo anzidetto … La solidalita' tra i debitori puo' essere anche contratuale, ma in materia civile richiede in consenso esplicito di tutti i contrenti …. Ma non bisogna credere, che sia indispensabile ai contraenti l'uso delle parole, *solidalita'*, *solidarieta'* o *in solido* . Bastano anche parole equipollenti, indizi, espresioni indirette, purche' tali da provare in modo non dubbio la volonta' dei contraenti**" (G. Giorgi : Teoria delle Obbligazioni 6ta ed. Firenze 1903 Vol. I. # 124, 127) .

Huwa minnu ghalhekk illi ghalkemm m'hemmx ghalfejn li l-ftehim ikun sar bil-miktub f'kazijiet simili, fejn ma jirrigwardawx dirittijiet immobbli, madankollu r-rieda tal-partijiet trid tkun giet espressa b'tali mod li ma thallix dubbju dwar il-kunsens ghas-solidarjeta' . Issa fil-kaz in ezami nsibu zewg verzjonijiet konfliggenti . Id-direttur tas-socjeta' ta' l-attrici jsostni mod, u l-konvenut mod iehor . Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni jew xi prova ohra aktar konkreta, din il-Qorti ma tistax tiddeciedi liema mill-verzjonijiet hija l-iktar wahda kredibbli . Fil-fehma taghha

ghalhekk ma tistghax tkun konvinta fil-grad ta' certezza mehtieg mil-ligi illi Joseph Vella tassew intrabat personalment li jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet dovuti mill-kumpanija J.A.R. Co. Limited . Sinjifikanti wkoll illi l-fatturi huma kollha intestati lil din il-kumpanija u hux lil Joseph Vella .

Is-socjeta' konvenuta minn naha l-ohra tammetti li ghandha taghti l-ammonti ndikati fuq li *statement* esebit mac-citazzjoni, ghajr fejn tindika li kienu saru pagamenti u nhargu rcevuti relattivi (ara Nota tal-4 ta' Gunju 2002 a fol. 67) . Infatti gew esebiti tliet ircevuti fiskali ghal hmistax-il lira maltija u disa' centezmi (Lm15.09, Dok. J.8 a), mija u sittax-il lira maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm116.73, Dok. 18a) u ghaxar liri u wiehed u ghoxrin centezu (Lm10.21) Dok. J. 23a ) .

B'hekk jigi illi huwa dovut mis-socjeta' konvenuta J.A.R. Co.Ltd. lis-socjeta' atttrici, l-ammont indikat fic-citazzjoni, u cioe' tliet elef disa' mija tnejn u sebghin lira maltija u disa' u tmenin centemzu (Lm3972.89), neqsin l-ammonti hawn indikati li rrizulta li gew imhallsa skond l-ircevuti fiskali li gew esebiti kopji awtentikati taghhom, u ghalhekk: tliet elef tmien mija tletin lira maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm3830.86).

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Vella proprio u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta l-ohra s-socjeta' J.A.R. Company Limited u tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef tmien mija u tletin lira maltija u sitta u tmenin centezmu, bl-imghaxijiet fuq din is-somma b'effett mid-data ta' l-ahhar konsenja u cioe' mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------